Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 424 A

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

8 ta' Diċembru 2020

Werrej

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti

2020/C 424 A/01 Sejħa għal espressjoni ta' interess fil-ħatra bħala President Supplenti tal-bord tal-appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti 1

MT

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU KOMUNITARJU TAL-VARJETAJIET TAL-PJANTI

SEJĦA GĦAL ESPRESSJONI TA' INTERESS FIL-ĦATRA BĦALA PRESIDENT SUPPLENTI TAL-BORD TAL-APPELL TAL-UFFIĊĊJU KOMUNITARJU TAL-VARJETAJIET TAL-PJANTI

(2020/C 424 A/01)

DESKRIZZJONI TAL-UFFIĊĊJU U TAL-BORD TAL-APPELL TIEGĦU

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "is-CPVO" jew "l-Uffiċċju") huwa Aġenzija indipendenti tal-UE, stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità ([1]). Is-CPVO huwa Aġenzija tal-UE b'personalità ġuridika, responsabbli għall-ġestjoni tas-sistema Komunitarja tad-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti. Din is-sistema tipprovdi protezzjoni bi dritt ta' proprjetà intellettwali għal varjetajiet ta' pjanti ġodda fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Il-missjoni tas-CPVO hija li jwassal u jippromwovi sistema effiċjenti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali li tappoġġa l-ħolqien ta' varjetajiet ġodda ta' pjanti għall-benefiċċju tas-soċjetà.

L-Uffiċċju jinsab f'Angers, Franza. Għandu madwar 50 membru tal-persunal u baġit ta' madwar EUR 20 miljun fis-sena, iffinanzjat prinċipalment mir-rikavat tad-diversi tariffi li jimponi.

Għal aktar informazzjoni jekk joġħġbok ikkonsulta s-sit web li ġej: http://www.cpvo.europa.eu.

Ir-Regolament (KE) Nru 2100/94 imsemmi hawn fuq jipprevedi l-istabbiliment ta' Bord tal-Appell wieħed jew aktar fi ħdan l-Uffiċċju. Bord tal-Appell jiġi stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2009 ([2]) u huwa responsabbli biex jiddeċiedi dwar appelli kontra deċiżjonijiet tal-Uffiċċju, li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, l-għoti jew iċ-ċaħda ta' drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet ta' pjanti, oġġezzjonijiet għall-għoti ta' drittijiet, in-nullità jew il-kanċellazzjoni ta' drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet ta' pjanti jew l-għoti jew iċ-ċaħda ta' liċenzji obbligatorji.

Il-Bord tal-Appell jikkonsisti minn President, żewġ membri oħra u s-supplenti rispettivi tagħhom. Meta l-Bord tal-Appell iqis li n-natura tal-appell tkun teħtieġ hekk, dan jista' jsejjaħ sa żewġ membri oħra.

DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET

Is-CPVO qiegħed ifittex President Supplenti tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju. Fin-nuqqas tal-President, is-supplenti tiegħu għandu jwettaq il-kompiti tal-President.

F'dawk is-sitwazzjonijiet, il-President Supplenti għandu:

— jagħżel għal kull każ il-membri l-oħrajn tal-Bord tal-Appell u s-supplenti rispettivi tagħhom minn lista ta' membri kkwalifikati stabbilita mill-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju;

— imexxi l-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju u jeżerċita s-setgħat mogħtija lill-President bir-Regolament (KE) Nru 2100/94.

([1]) ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2009 tas-17 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (ĠU L 251, 24.9.2009, p. 3).

Il-President Supplenti tal-Bord tal-Appell għandu jkun indipendenti. Fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu, ma għandu jkun marbut bl-ebda struzzjoni.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Bord tal-Appell ara: http://www.cpvo.europa.eu/main/en/home/community-plant-variety-rights/board-of-appeal

ĦATRA

Il-mandat attwali tal-President Supplenti tal-Bord tal-Appell jintemm fl-14 ta' Ottubru 2021. Skont it-termini tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiddeċiedi dwar il-ħatra ta' Supplenti tal-President abbażi ta' lista ta' kandidati, li għandha tkun proposta mill-Kummissjoni Ewropea wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti.

L-għan ta' din is-sejħa għal espressjoni ta' interess huwa li l-Kummissjoni tkun tista' tfassal lista qasira ta' kandidati għall-funzjoni ta' President Supplenti tal-Bord tal-Appell biex imbagħad tippreżentaha lill-Kunsill. Il-kandidati jenħtieġu li jinnotaw li l-inklużjoni fil-lista ma tiggarantix il-ħatra.

Il-Kummissjoni Ewropea se tistabbilixxi bord tal-għażla li se jistieden lill-applikanti bl-aħjar profil għar-rekwiżiti speċifiċi tal-kariga għal intervista, magħżula abbażi tal-merti tagħhom u tal-kriterji stabbiliti hawn taħt. Wara dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea se tadotta lista ta' kandidati li se tiġi ppreżentata lill-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju għal opinjoni, qabel ma din tiġi kkomunikata lill-Kunsill. Il-kandidati jistgħu jissejħu għal intervista mal-Kummissarju rilevanti.

Il-mandat għandu jkun ta' ħames snin. Dan se jkun jista' jiġġedded skont ir-Regolament (KE) Nru 2100/94.

REKWIŻITI

— Il-kandidat irid ikun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE.

— Il-kandidat ma għandu jwettaq ebda dmir ieħor fl-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti.

— Il-kandidat irid ikollu għarfien tajjeb ħafna tal-Ingliż ([3]). L-għarfien ta' lingwi uffiċjali oħra tal-UE jkun ta' vantaġġ.

— Il-kandidat irid ikollu wkoll:

  — Grad universitarju fil-liġi, jew kwalifika permezz ta' esperjenza rikonoxxuta fil-qasam tal-proprjetà intellettwali jew tar-reġistrazzjoni tal-varjetà tal-pjanti

  — Mill-inqas 10 snin esperjenza ta' ħidma fil-livell postgradwatorju ([4]), b'parti sinifikanti minnhom relatata mal-proprjetà intellettwali; l-esperjenza fid-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti tkun ta' vantaġġ.

  — Kemm l-esperjenza ġudizzjarja jew l-esperjenza relatata fil-qasam tal-proprjetà intellettwali tkun ta' vantaġġ, kif ukoll l-esperjenza amministrattiva u ta' ġestjoni, preferibbilment miksuba fis-servizz pubbliku ta' Stat Membru jew ta' organizzazzjoni intergovernattiva.

KUNDIZZJONIJIET TAL-IMPJIEG

Fin-nuqqas tal-President, il-President Supplenti se jkun mistenni li jkun disponibbli fuq bażi part-time, biex jittratta l-każijiet ta' appell meta dawn jinqalgħu. Il-President Supplenti mhuwiex meħtieġ jissospendi l-attivitajiet professjonali attwali tiegħu/tagħha, iżda kwalunkwe attività bħal din trid tkun kompatibbli mar-rekwiżiti li l-membri tal-Bord tal-Appell għandhom ikunu indipendenti. Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolamenti tal-Persunal") ma japplikawx għall-President, għall-President Supplenti u għall-membri tal-Bord tal-Appell (l-Artikoli 31 u 47 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94) li ma jkunux diġà impjegati bħala aġenti tal-Unjoni Ewropea.

([3]) Il-bord tal-għażla se jiżgura li ma jingħata ebda vantaġġ mhux dovut lill-kelliema nattivi

([4]) L-esperjenza professjonali titqies biss jekk tkun tirrappreżenta relazzjoni ta' ħidma konkreta li tkun iddefinita bħala ħidma reali, ġenwina, bi ħlas u bħala impjegat (kull tip ta' kuntratt) jew fornitur ta' servizz. L-attivitajiet professjonali li jkunu saru fuq bażi part-time għandhom jiġu kkalkulati *prorata*, abbażi tal-perċentwal iċċertifikat ta' sigħat full-time li jkunu nħadmu. Il-liv tal-maternità / tal-ġenituri / għall-adozzjoni jitqies jekk ikun fil-qafas ta' kuntratt ta' xogħol. Id-dottorati (PhDs) jiġu assimilati mal-esperjenza professjonali, anki meta mhux bi ħlas, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin, dment li d-dottorat ikun tlesta b'suċċess. Perjodu partikolari jista' jingħadd darba biss.

Il-President Supplenti se jkun meħtieġ jiddikjara kwalunkwe interess, li jista' jkun f'kunflitt mad-dmir tiegħu/tagħha lejn il-Bord tal-Appell.

Il-President Supplenti mistenni jkun disponibbli għal dawn id-dmirijiet mill-inqas 10 jiem/sena kalendarja.

B'deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv tas-CPVO tad-19 ta' Settembru 2019:

1. L-aġenti tal-UE f'servizz attiv fi ħdan Istituzzjoni, Aġenzija, Korp jew Awtorità tal-UE li jinħatru biex jaġixxu fuq il-Bord tal-Appell tas-CPVO mhumiex permessi jirċievu remunerazzjoni minn Istituzzjonijiet oħra tal-UE, għajr rimborż tal-kostijiet tal-missjonijiet, skont ir-Regolamenti tal-Persunal. Għal dan il-għan, huwa xieraq li l-inkarigu ta' servizz fuq il-Bord tal-Appell tas-CPVO bħala President Supplenti jiġi miftiehem mal-Istituzzjoni jew mal-Aġenzija tal-UE tagħhom.

2. Is-CPVO jista' jidħol fi ftehim dwar il-livell ta' servizz (FLS) jew f'Memorandum ta' Qbil (MtQ) ma' Istituzzjoni tal-UE jew ma' Aġenzija tal-UE biex jirregola l-kundizzjonijiet rigward il-kostijiet (inkluż il-kostijiet tal-missjonijiet) biex il-persunal tiegħu jservi fil-Bord tal-Appell tas-CPVO.

Ir-remunerazzjoni tal-President Supplenti tal-Bord tal-Appell, li mhuwiex impjegat tal-UE, hija kif ġej:

— Remunerazzjoni għal kull jum reali ta' xogħol (1 jum/8 siegħat): 500 (f'EUR)

— Remunerazzjoni massima għal kull appell: 7 500 (f'EUR).

Minbarra r-remunerazzjoni msemmija, il-President Supplenti tal-Bord tal-Appell se jirċievi:

a. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-għajxien skont l-aktar Regoli reċenti rigward ir-rimborż ta' esperti li jattendu l-laqgħat tas-CPVO jew li jivvjaġġaw f'isem is-CPVO għal laqgħat.

b. Ġurnata waħda addizzjonali ta' xogħol għall-ħin tal-ivvjaġġar lejn u minn Angers, dment li s-smigħ orali jsir tabilħaqq u l-ħin tal-ivvjaġġar ikun itwal minn siegħa. F'każ li jiġu eżaminati diversi każijiet mill-Bord tal-Appell tul jum wieħed jew tul diversi jiem konsekuttivi, jingħata jum addizzjonali għall-ħin tal-ivvjaġġar biss.

Is-seduti tal-Bord tal-Appell isiru fis-sede tas-CPVO f'Angers, Franza, jew b'mod virtwali.

OPPORTUNITAJIET INDAQS

Il-Kummissjoni Ewropea u s-CPVO japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal ([5]).

APPLIKAZZJONIJIET

Qabel tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, jenħtieġ li tivverifika b'attenzjoni jekk tissodisfax ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk ma tissodisfax xi wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà, dan ikun ifisser li se tiġi eskluż/a awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk trid tapplika, trid tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jirrigwardaw id-diversi stadji tal-proċedura:

https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/

Irid ikollok indirizz tal-posta elettronika validu. Dan se jintuża biex tiġi kkonfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jibqa' jsir kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant nitolbuk iżżomm lill-Kummissjoni Ewropea informata bi kwalunkwe bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, trid ittella' CV f'format PDF u timla ittra ta' motivazzjoni online (massimu ta' 8 000 karattru). Is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni tiegħek jistgħu jintbagħtu bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ladarba tkun lestejt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, se tirċievi ittra elettronika li tikkonferma r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni tiegħek. **Jekk ma tirċevix ittra elettronika ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

([5]) http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01962R0031-20140701&from=MT

Jekk jogħġbok innota li mhuwiex possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Se tiġi kkuntattjat/a direttament mill-Kummissjoni Ewropea rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

Jekk teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi jekk jogħġbok ibgħat email lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Għal raġunijiet ta' funzjonalità u sabiex il-proċedura tal-għażla titlesta malajr kemm jista' jkun fl-interess tal-kandidati kif ukoll tal-istituzzjonijiet, il-proċedura tal-għażla se ssir bl-Ingliż ([6]).

DATA TAL-GĦELUQ

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hi d-19 ta' Jannar 2021. Ir-reġistrazzjoni online mhux se tkun possibbli wara nofsinhar (12.00) ħin ta' Brussell.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni online tiegħek fil-ħin. Nagħtuk parir li ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, peress li t-traffiku tal-internet qawwi jew xi problema fil-konnessjoni tal-internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tintemm qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' ddaħħal iktar *data*. Ir-reġistrazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

INFORMAZZJONI IMPORTANTI GĦALL-APPLIKANTI

Infakkru lill-applikanti li x-xogħol tal-kumitati tal-għażla huwa kunfidenzjali. Huwa pprojbit li l-applikanti jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri ta' dawn il-kumitati jew li xi ħadd ieħor jagħmel dan f'isimhom. Il-mistoqsijiet kollha jridu jiġu indirizzati lis-segretarjat tal-bord rilevanti.

PROTEZZJONI TA' *DATA* PERSONALI

Il-Kummissjoni se tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif jeżiġi r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

([6]) Il-bord tal-għażla se jiżgura li ma jingħata ebda vantaġġ mhux xieraq lill-kelliema nattivi.

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' din id-*data* u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT